



Brussell, 5 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16234/25  
ADD 2

LIMITE

EF 395  
ECOFIN 1661  
AG 191  
BETREG 48  
IA 216  
ANTICI 204  
*ECB*  
*EIB*

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konsegwenzi ekonomiċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE - Anness B: Metodoloġija

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dokument imsemmi fis-suġġett.

Din in-nota tiċċara l-metodoloġija applikata meta nġabret id-data użata biex tiġi prodotta t-tabella li tagħti stampa ġenerali (l-Anness A). L-approċċ metodoloġiku huwa miġbur fil-qosor fit-*tabella 1*, inkluż: 1) liema atti legali huma inklużi; 2) meta l-atti jitqiesu rilevanti; 3) x'konsegwenzi ekonomiċi huma inklużi; 4) it-tipi ta' konsegwenzi ekonomiċi; 5) id-didaskalija użata fl-Anness A biex tikklassifika jekk il-proposti għandhomx valutazzjoni tal-impatt sħiħa jew parzjali takkumpanjahom, jew l-ebda valutazzjoni tal-impatt takkumpanjahom.

B'mod ġenerali, ta' min jenfasizza li d-data kollha dwar il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament, kif ukoll il-benefiċċji diretti u (fejn disponibbli) l-iffrankar tal-kostijiet fit-tabella huma meħuda mill-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw il-proposti leġiżlattivi. It-tabella tindika ukoll sa liema punt twettqet valutazzjoni tal-impatt<sup>1</sup>.

Iċ-ċifri neqsin fit-tabella huma dovuti jew għal valutazzjonijiet tal-impatt mhux kompluti li ma jelenkawx il-kostijiet u l-benefiċċji rilevanti kollha jew inkella għall-fatt li ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istimi kwantifikati mhux dejjem jiġu pprovduti jew xi drabi ma jkunux kompluti jew ikunu neqsin, f'għadd ta' każijiet. Fil-każ ta' ebda valutazzjoni tal-impatt, it-tabella ma tinkludix ċifri minn dokumenti ta' ħidma tal-persunal jew dokumenti interni simili oħra peress li dawn ma ġewx invalidati formalment mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju.

Għal raġunijiet ta' trasparenza, it-tabella ssegwi approċċ ta' kostijiet u benefiċċji gross. It-tabella tinkludi l-kostijiet kwantitattivi kollha, kif ukoll il-benefiċċji kwalitattivi u kwantitattivi kollha jew l-iffrankar tal-kostijiet fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Mhuwiex possibbli li tiġi prodotta ċifra netta waħda bl-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt attwali, peress li l-benefiċċji spiss ikunu ta' natura kwalitattiva jew ikkwantifikati b'mod li jagħmel il-kalkoli netti diffiċli mingħajr ma jsiru għażliet diskreti li jistgħu jiġu kkontestati. L-istimi kwantifikati kollha tal-iffrankar tal-kostijiet li jinsabu fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni huma inklużi fit-tabella (fil-kolonna "benefiċċji"). Jekk ma tinstab l-ebda stima tal-iffrankar tal-kostijiet għal fajl partikolari fit-tabella, dan huwa minħabba li ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni.

Ta' min jenfasizza li meta l-kostijiet rikorrenti jiġu aggregati fuq għadd ta' snin fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, dawn il-kostijiet ġew mqassma matul is-snin rilevanti permezz ta' medja sempliċi fit-tabella, minħabba li "rikorrenti" normalment tirreferi għal frekwenza annwali fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Madankollu, dan l-aġġustament ma jqisx il-fatt li "rikorrenti" tista' tfisser intervall definit ieħor skont il-valutazzjoni tal-impatt speċifika. L-approċċ sempliċi ntgħażel minflok approċċ aktar speċifiku għall-każijiet biex tiżdied it-trasparenza.

<sup>1</sup> Bħala regola, il-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt għal proposti li mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti. Madankollu, hemm eċċezzjonijiet, prinċipalment għal raġunijiet ta' urġenza. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni tipproduċi dokument ta' ħidma tal-persunal.

Il-Presidenza Daniża żammet lura minn aġġustamenti ulterjuri taċ-ċifri meħuda mill-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni għal raġunijiet ta' trasparenza, anke jekk potenzjalment setgħet iżżid il-preċiżjoni. Pereżempju, iċ-ċifri kollha fit-tabella huma indikati bil-prezzijiet attwali li jinsabu fil-valutazzjonijiet tal-impatt, mhux bil-prezzijiet kostanti li jqisu l-inflazzjoni, peress li dan ikun jeħtieġ aġġustament tan-numri abbażi ta' firxa ta' suppożizzjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati u ddubitati. Barra minn hekk, il-"kostijiet ta' darba" fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni la huma annwalizzati u lanqas skontati fit-tabella, għal darb'oħra minħabba li dan ikun jeħtieġ aġġustament tan-numri abbażi ta' suppożizzjonijiet kontestabbli, li jnaqqas it-trasparenza. Ta' min jenfasizza li ż-żewġ għażliet metodoloġiċi jirriżultaw f'sottovalutazzjoni tal-kostijiet.

Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li ċ-ċifri fit-tabella li tagħti stampa ġenerali għandhom limitazzjonijiet. Il-valutazzjonijiet tal-impatt individwali tal-Kummissjoni jiddependu minn diversi suppożizzjonijiet, inkluż xenarji bażi, metodi, data u miżuri ta' benesseri. Għalhekk, iċ-ċifri individwali jistgħu ma jkunux direttament komparabbli, u f'xi każijiet il-kwantifikazzjoni ta' diversi effetti tista' tkun impreċiża, inċerta jew mhux kompluta. Barra minn hekk, il-valur ta' xi kategoriji ta' beneficiċċji jista' jkun imdaqqs, iżda l-kwantifikazzjoni mhijiex possibbli u għalhekk ma ġietx elenkata. Barra minn hekk, jista' jkun hemm effetti ta' interazzjoni bejn atti leġiżlattivi individwali. Ta' min jinnota wkoll li l-implimentazzjoni nazzjonali ("gold-plating") tista' tintroduċi spejjeż potenzjalment oġġla kif ukoll tikkontribwixxi għall-frammentazzjoni. Minkejja dawn il-limitazzjonijiet, u filwaqt li dawn iċ-ċifri ma jistgħux jitqiesu b'mod iżolat mill-benefiċċji li jgħibu magħhom il-proposti rilevanti, dawn jagħtu stampa ġenerali approssimattiva tal-implikazzjonijiet tal-kostijiet tal-fluss ta' regolamentazzjoni tal-UE li qed jitħejja bħalissa.

**Tabella 1** Approċċ metodoloġiku użat fl-Anness A

Suġġett	Ambitu tax-xogħol tad-data	Punti għall-attenzjoni
1. Atti legali applikabbli	Regolamenti u direttivi.	Il-proposti kollha li qed jiġu nnegożjati fil-Kunsill jew b'mandat adottat tal-Kunsill adottat mill-Coreper għat-trilogi. Jinkludu l-fajls attivi kollha sa 8/10/2025 (innota li tneħħiet il- <i>Liġi dwar il-monitoraġġ tal-ħammija</i> maqbula minn PE 23/10).
	Ma jkoprix deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet, jew atti delegati jew ta' implimentazzjoni.	Atti delegati jew ta' implimentazzjoni esklużi peress li rarament ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt. 0.5 % tal-atti delegati soġġetti għal tali evalwazzjoni, skont ir-rapport annwali tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kunsill għall-2023. F'xi każijiet, l-atti delegati jistgħu jżidu kostijiet/piżijiet sostanzjali.
2. Rilevanza	a) Atti legali li qed jiġu nnegożjati fil-Kunsill.	Il-proposti jistgħu ma jiġux adottati jekk ma jkunx hemm biżżejjed appoġġ, anke jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta.
	b) Atti legali b'mandat adottat tal-Kunsill.	
3. <b>Konsegwenzi ekonomiċi inklużi</b>	a) Kostijiet amministrattivi diretti u ta' aġġustament, kemm rikorrenti kif ukoll ta' darba, kif ukoll benefiċċji diretti u (fejn disponibbli) iffrankar dirett tal-kostijiet.	Derivati mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni b'aġġustamenti minimi fid-data. Diffiċli li l-benefiċċji, l-iffrankar tal-kostijiet u l-kostijiet jissarrfu f'ċifra netta ta' konsegwenzi ekonomiċi, peress li spiss ma jkunx speċifikat jekk il-benefiċċji, l-iffrankar tal-kostijiet u l-kostijiet humiex rikorrenti jew ta' darba, jew jekk jaffettwaw lin-negożji jew lill-awtoritajiet pubbliċi.
	b) Stimuli derivati mill-valutazzjonijiet tal-impatt, tipikament imħejjija meta jiġu ppreżentati l-proposti. Il-valutazzjonijiet tal-impatt xi drabi jiġu aġġornati aktar tard fid-dawl tal-emendi, iżda dan huwa rari.	Iċ-ċifri reali jistgħu jkunu differenti minn dawk indikati fil-proposta oriġinali. Jekk jiġi żviluppata u użata metodu ġdid biex jitqiesu emendi sostanzjali, id-data tista' tiġi aġġustata kif xieraq.
	c) Abbażi tal-għażla ppreferuta (jew l-unika għażla) deskritta fil-valutazzjonijiet tal-impatt.	Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill setgħu nnegożjaw favur waħda mis-soluzzjonijiet l-oħra jew favur soluzzjoni kompletament differenti.
	d) Id-data tinkludi biss il-kostijiet, l-iffrankar tal-kostijiet u l-benefiċċji diretti, mhux ċifri indiretti. Jekk l-istimi jinkludu firxa, din tiġi deskritta fid-data, ara l-Anness A.	
4. Tipi ta' kostijiet	a) Għall-baġits nazzjonali, jintużaw il-kostijiet grossi totali, jiġifieri l-kostijiet għas-27 Stat Membru kollha.	L-Istati Membri ser jiġu affettwati b'mod differenti skont fatturi bħad-daqg jew il-politiki eżistenti.
	b) Il-kostijiet jiġu aggregati għall-Istati Membri kollha tal-UE. Jekk ma jkunx speċifikat li l-kostijiet għall-"fornituri tas-servizzi" jikkonċernaw lill-awtoritajiet pubbliċi, dawn jingħaddu bħala kostijiet għan-negożji.	
5. <b>Didaskalija għall-Anness A</b>	0 = Saret valutazzjoni, il-proposta mhijiex mistennija jkollha konsegwenzi ekonomiċi.	
	>0 = Saret valutazzjoni, il-proposta mistennija jkollha kostijiet li mhumiex kwantifikati.	
	"-" = L-ebda valutazzjoni	
<b>Kumment ġenerali</b>	Il-kostijiet ikopru l-implimentazzjoni minima. Għad-direttivi, l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw aktar milli speċifikat fid-direttivi.	